*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0204/2012**

22.6.2012

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika
(12195/2011 – C7-0027/2012 – 2011/0167(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: David Martin



Magħquda fid-diversità

PR_NLE-AP_art90

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................6

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ..........9

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN ....................................................................................................................................12

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI...............................................22

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ...................................................................24

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ...................................................25

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika**
**(12195/2011 – C7-0027/2012 – 2011/0167(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12195/2011),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika (12196/2011),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7–0027/2012),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7–0204/2012),

1. Jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jinforma lill-Kunsill li l-ftehim ma jistax jiġi konkluż;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika

## NOTA SPJEGATTIVA

In-negozjati dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) bdew f'Ġunju 2008 u ġew konklużi f'Novembru 2010 wara 11-il rawnd ta' negozjati. Bħall-ftehim internazzjonali kollu, il-Kummissjoni Ewropea, li aġixxiet fuq mandat mill-Kunsill, kienet in-negozjatur f'isem l-Unjoni Ewropea. Billi l-ACTA huwa "ftehim imħallat" li jkopri kompetenzi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri, l-Istati Membri ġew rappreżentati waqt in-negozjati mill-presidenzi fuq bażi ta' rotazzjoni.

Il-Ftehim ġie konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, il-Messiku, il-Marokk, New Zealand, Singapor, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika. Il-pajjiżi firmatarji huma issa fil-proċess li jirratifikaw il-ftehim, li fl-Unjoni Ewropea jeħtieġ ratifika mill-Istati Membri u approvazzjoni mill-Parlament Ewropew qabel ma l-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ fl-UE.

L-ACTA, kif definit min-negozjaturi, huwa ftehim kummerċjali li jindirizza l-iffalsifikar fuq skala kummerċjali u l-piraterija onlajn billi jikkoordina l-infurzar globali ta' liġijiet eżistenti dwar il-ksur tad-dritt tal-awtur. Huwa allegat mill-Kummissjoni li ma teħtiġx li tinbidel il-leġiżlazzjoni Ewropea imma li jiġu kkoordinati l-proċeduri mal-fruntieri biex jiġi ttrattat l-iffalsifikar fuq skala kbira.

Il-problemi li l-ACTA jfittex li jindirizza huma reali u qed jikbru. L-iffalsifikar u l-piraterija żdiedu sostanzjalment u qed ikomplu jagħmlu dan. Il-konsegwenzi taż-żieda f'dawn l-attivitajiet illegali jvarjaw minn telf ekonomiku għal perikli tas-saħħa u tas-sikurezza. L-Unjoni Ewropea għandha ħafna x'titlef mingħajr koordinazzjoni globali effiċjenti u infurzata fil-protezzjoni tad-dritt tal-awtur.

Il-propjetà intellettwali (PI) hija l-materja prima tal-Unjoni. Ir-rapporteur tagħkom jemmen li l-Ewropa ma tistax tikkompeti fl-ekonomija globali mingħajr protezzjoni adegwata għall-moda, il-partijiet tal-karozzi, il-films u l-mużika Ewropej. Il-koordinazzjoni globali tal-protezzjoni tal-PI hija vitali għall-iżvilupp ta' Unjoni Ewropea bbażata fuq l-għarfien u l-protezzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi mal-Unjoni sħiħa.
F'din l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien, il-mod li bih nagħmlu skambju tal-informazzjoni qed jinbidel malajr u l-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali u l-libertajiet fundamentali qed jevolvi. Il-ftehimiet internazzjonali li jittrattaw kwalunkwe aspett tas-sanzjonijiet kriminali, tal-attività onlajn jew tal-propjetà intellettwali jridu jiddefinixxu b'mod ċar l-ambitu tal-ftehim u l-protezzjoni tal-libertajiet individwali sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet mhux intenzjonati tal-ftehim.

Il-konsegwenzi mhux intenzjonati tat-test tal-ACTA huwa ta' tħassib serju. Dwar il-kriminalizzazzjoni individwali, id-definizzjoni ta' "skala kummerċjali", ir-rwol tal-fornituri tas-servizzi tal-internet u l-interruzzjoni possibbli tat-tranżitu ta' mediċini ġeneriċi, ir-rapporteur tagħkom isostni li huwa jiddubita kemm it-test tal-ACTA huwa preċiż kemm hu meħtieġ.

Il-benefiċċji intenzjonati ta' dan il-ftehim internazzjonali huma ferm aktar mit-theddid potenzjali tal-libertajiet ċivili. Minħabba n-nuqqas ta' ċarezza ta' ċerti aspetti tat-test u l-inċertezza dwar l-interpretazzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew ma jistax fil-futur jiggarantixxi protezzjoni adegwata għad-drittijiet taċ-ċittadini taħt l-ACTA.

Ir-rapporteur tagħkom jirrakkomanda għalhekk li l-Parlament Ewropew jirrifjuta milli jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ACTA. Meta jsir dan, huwa importanti li wieħed jinnota li l-protezzjoni miżjuda tad-drittijiet tal-PI għall-produtturi Ewropej li jagħmlu kummerċ fis-swieq globali hija ta' importanza kbira. B'segwitu għar-reviżjoni mistennija tad-direttivi relevanti tal-UE, ir-rapporteur tagħkom jittama li għalhekk il-Kummissjoni Ewropea tressaq proposti ġodda għall-protezzjoni tal-PI.

5.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika
(12195/2011 – C7-0027/2012 – 2012/0167(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Amelia Andersdotter

## ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

1. Jilqa' l-miri espressi mill-partijiet li qegħdin jinnegozjaw il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA), biex jiġi indirizzat il-kummerċ tal-prodotti foloz;

2. Jemmen li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur fis-soċjetà tal-informazzjoni hija fost l-aktar aġġornati u hija konformi għalkollox mal-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur;

3. Jirrikonoxxi t-tħassib dwar il-fatt li l-ACTA jiġbor flimkien ħafna tipi differenti ta' IPR u b'hekk jinħoloq strument ta' infurzar uniku li jgħodd għal kulħadd li ma jissodisfax il-ħtiġijiet uniċi ta' kull settur, u li jittratta oġġetti fiżiċi u servizzi diġitali bl-istess mod; jinsab imħasseb minħabba n-nuqqas ta' definizzjonijiet ta' ċerti terminoloġiji ewlenin li fuqhom huma msejsa l-mekkaniżmi ta' infurzar tal-ACTA; jibża' li dan joħloq inċertezza legali għall-kumpaniji Ewropej u b'mod partikolari għall-SMEs, kif ukoll għall-utenti tat-teknoloġija u għall-fornituri ta' pjattaformi onlajn u tas-servizzi tal-internet; jinnota wkoll li l-benefiċjarji primarji preżunti tal-ftehim, il-komunitajiet artistiċi u l-kreaturi tas-softwer, jidhru partikolarment diviżi dwar il-benefiċċji potenzjali u possibbli tal-ftehim;

4. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-industrija Ewropea; jinnota, madanokollu, li l-ACTA jidher li jmur kontra l-ambizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Aġenda Diġitali li l-Ewropa tagħti lok għall-ħolqien ta' innovazzjoni tal-internet kompetittiva ħafna[1], kif ukoll

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar id-definizzjoni ta' Aġenda Diġitali ġdida għall-Ewropa: 2015.ue (2009/2225(INI)) http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P7-

kontra l-ambizzjoni b'saħħitha li tiġi promossa n-newtralità u l-aċċess tan-net fis-suq diġitali onlajn għall-utenti kollha[1];

5. Ifakkar li r-rapporti doganali annwali tal-Kummissjoni juru żieda konsistenti fl-oġġetti sekwestrati għaliex issuspettati li jiksru l-IPR b'żieda fil-każijiet minn 43 500 fl-2009 għal kważi 80 000 fl-2010[2]; madankollu, jagħraf il-preokkupazzjoni li d-data dwar l-għadd ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mhix sħiħa u hija mxerrda; jappoġġa valutazzjonijiet tal-impatt oġġettivi u indipendenti għal proposti leġiżlattivi;

6. Huwa favur ftehimiet internazzjonali li jsaħħu r-rispett għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali meta titqies l-importanza tagħhom għall-ekonomija u s-suq tal-impjiegi tal-UE billi studji riċenti tal-OKŻE[3] jistmaw li l-piraterija u l-falsifikazzjoni internazzjonali jammontaw għal madwar EUR 150 biljun fis-sena;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li jitħares u jiġi salvagwardjat suq liberu u miftuħ kif ukoll li jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jissottolinja li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn id-drittijiet tal-proprjetà u l-libertà tal-informazzjoni, kemm jekk onlajn kif ukoll jekk offlajn;

8. Iqis li jista' jkun il-każ li l-obbligi fl-ACTA tal-firmatarji biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali, ma ġewx enfasizzati biżżejjed; huwa mħasseb dwar il-fatt li t-test tal-ACTA ma jiżgurax bilanċ ġust bejn id-dritt għall-proprjetà intellettwali u l-libertà li jitwettaq in-negozju, id-dritt għall-protezzjoni tad-daa personali u l-libertà li wieħed jirċievi jew jgħaddi l-informazzjoni, li dan l-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet favur il-ħtieġa tiegħu[4]; jinnota t-tħassib espress mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-effetti tal-ACTA fuq il-privatezza tad-data u, għalhekk, huwa preokkupat dwar l-effetti possibbli tal-implimentazzjoni tal-ACTA fir-rigward tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

9. Għalhekk, iħoss il-bżonn li jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali biex ma japprovax il-ftehim.

******

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

---

TA-2010-0133&language=MT&ring=A7-2010-0066

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2011-0511+0+DOC+XML+V0//MT

[2] http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/statistics/statistics_2010.pdf.

[3] Studju tal-OKŻE: Magnitude of counterfeiting and piracy of Tangible products: an update, November 2009 http://www.oecd.org/dataoecd/57/27/44088872.pdf.

[4] <}0{>Kawża C 360/10 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, paragrafu 47 http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=119512&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=291042<<<<

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 25<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gabriele Albertini, Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Marisa Matias, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Badia i Cutchet, Francesco De Angelis, Ioan Enciu, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Seán Kelly, Holger Krahmer, Zofija Mazej Kukovič, Vladimír Remek |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Franziska Keller |

4.6.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika mad-drittijiet imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea
(12195/2011 – C7-0027/2012 – 2011/0167(NLE))

Rapporteur: Dimitrios Droutsas

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 36(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew jagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika (il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni) mad-drittijiet imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta)[1].

***Qafas ġenerali***

1. Jirrikonoxxi li d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma strumenti importanti għall-Unjoni fl-'ekonomija tal-għarfien' u li l-infurzar adegwat tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali huwa fundamentali; ifakkar li l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jippreġudika t-tkabbir, il-kompetittività u l-innovazzjoni; jirrimarka li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ma joħloqx drittijiet ta' proprjetà intellettwali ġodda, iżda huwa trattat ta' infurzar intiż sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

2. Itenni li l-Ewropa għandha bżonn ftehim internazzjonali sabiex tiżdied il-ġlieda kontra prodotti kontrafatti peress li dawn il-prodooti qed jikkawżaw dannu kull sena lill-

[1] Jieħu nota taż-żewġ opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2011 u tat-8 ta' Diċembru 2011 http://lists.act-on-acta.eu/pipermail/hub/attachments/20111219/59f3ebe6/attachment-0010.pdf.

kumpanniji Ewropej, u b'hekk qed iqegħdu f'riskju l-impjiegi Ewropej; jinnota, barra minn hekk, li l-prodotti kontraffatti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-sikurezza, li jippreżentaw perikli ta' saħħa sinifikanti lill-konsumaturi;

3. Ifakkar fil-fatt li l-livell ta' trasparenza tan-negozjati kif ukoll ħafna dispożizzjonijiet tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni stess, kienu s-suġġett ta' kontroversja li dan il-Parlament indirizza ħafna drabi matul l-istadji kollha tan-negozjati. jenfasizza li f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Parlament għandu jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura; huwa tal-fehma li ma ġietx żgurata trasparenza adegwata matul in-negozjati dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni wettqet sforzi sabiex tinforma l-Parlament[1], iżda jiddispjaċih li r-rekwiżit tat-trasparenza ġie interpretat b'mod strett ħafna u biss wara l-pressjoni eżerċitata mill-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili[1]; jenfasizza li f'konformità mal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni ta' Vienna dwar il-Liġi tat-Trattat waqt l-interpretazzjoni ta' trattat, għandhom jintużaw mezzi addizzjonali ta' interpretazzjoni, inklużi x-xogħol preparatorju tat-trattat u ċ-ċirkustanzi tal-konklużjoni tiegħu. jirrimarka li x-xogħol preparatorju għall-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni mhuwiex kollu disponibbli għall-pubbliku.

4. Jenfasizza fl-istess ħin, li huwa kruċjali li jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' espressjoni, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, id-dritt għal proċess ġust - b'mod partikolari l-preżunzjoni tal-innoċenza u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva[2] - u ifakkar fit-trattati internazzjonali[3], il-liġi Ewropea[4] u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' dan il-bilanċ ġust[5];

5. F'dan ir-rigward, jenfasizza li d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jinsabu fost id-drittijiet

---

[1] Ara, pereżempju, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2010 dwar it-trasparenza u s-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-ACTA (ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 46) u d-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2010 dwar in-nuqqas ta' proċess trasparenti għall-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) u kontenut potenzjalment oġġezzjonabbli (ĠU OJ C 308 E, 20.10.2011, p. 88).

[2] Ara wkoll f'dan is-sens l-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) tal-24 ta' April 2012 (<http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2012/12-04-24_ACTA_EN.pdf).

[3] F'dan ir-rigward, ara l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali relatati mal-Kummerċ (TRIPS) u l-preamboli għat-Trattat dwar id-drittijiet tal-awtur tad-WIPO (l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali) u t-Trattat dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi tad-WIPO.

[4] Ara l-premessi 3, 9 u 31 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

[5] Ara wkoll f'dan is-sens il-punt (d) tal-Opinjoni tal-Akkademiċi Ewropej dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni http://www.iri.uni-hannover.de/tl_files/pdf/ACTA_opinion_200111_2.pdf; Kawża C-275/06 Promusicae vs Telefónica de España SAU [2008] ECR I-271 (punti 62 to 68), Kawża C-70/10 Scarlet Extended SA vs Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM) (punt 44), Kawża C-360/10, Belgische Vereniging van Auteurs, Componisten en Uitgevers CVBA (SABAM) vs Netlog NV (punti 42-44), u Kawża C-461/10 Bonnier Audio AB, Earbooks AB, Norstedts Förlagsgrupp AB, Piratförlaget AB, Storyside AB vs Perfect Communication Sweden AB

fundamentali protetti fl-Artikolu 17(2) tal-Karta u fi ftehimiet intermazzjonali[1];

6. Ifakkar li numru ta' limiti interni u esterni fuq d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, bħall-prevenzjoni ta' abbuż unilaterali[2], jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' bilanċ xieraq bejn l-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet fundamentali u l-interessi tal-pubbliku

7. Jirrimarka li d-drittijiet fundamentali huma, min-natura tagħhom stess, ibbażati fuq numru ta' prinċipji[3]: huma universali, ibbażati fuq drittijiet relatati mal-personalità u fuq interessi mhux materjali; mhumiex trasferibbli u ma jintemmux; jitnisslu mill-persuna, huma inerenti u huma rregolati mid-dritt pubbliku; jinnota, f'dan ir-rigward, li numru ta' oġġetti protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali juru biss uħud minn dawn il-karatteristiċi, u għalhekk jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-użu ta' għodda effikaċi biex jiġu protetti dawn id-drittijiet, pereżempju fil-każ ta' mediċini li jsalvaw il-ħajja minn naħa u l-privattivi industrijali biex jiġu protetti d-disinni min-naħa l-oħra, u interessi oħrajn li joħorġu minn drittijiet fundamentali oħrajn bħal pereżempju l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

8. Itenni li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona fl-1 ta’ Diċembru 2009 biddel b’mod fundamentali l-isfond ġuridiku tal-UE, li għandha tistabbilixxi dejjem iktar lilha nnifisha bħala komunità ta’ valuri u prinċipji komuni; ifakkar li s-sistema l-ġdida b'ħafna livelli tal-protezzjoni tad-drittijiet funadamentali tirriżulta minn diversi sorsi u hija infurzata permezz ta' varjetà ta' mekkaniżmi, inklużi l-Karta vinkolanti, id-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), u d-drittijiet ibbażati fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri u l-interpretazzjoni tagħhom skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti tal-Ġustizzja[4]; jenfasizza li din l-arkitettura msaħħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-livell għoli ta' protezzjoni li l-Unjoni qed timmira li tilħaq (il-"mudell Ewropew") għandhom jiġu sostnuti wkoll fid-dimensjoni esterna peress li l-Unjoni għandha tkun "eżemplari" fi kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali[5] u ma għandhiex tagħti l-impressjoni li tippermetti r-'riċiklaġġ tad-drittijiet fundamentali’;

9. Iqis li "d-dinjità, l-awtonomija u l-awtożvilupp"[6] tal-bnedmin huma mħaddna sew minn dan il-mudell Ewropew u jfakkar li l-privatezza, il-protezzjoni tad-data, flimkien mal-libertà tal-espressjoni dejjem kienu kkunsidrati bħala elementi essenzjali ta' dan il-mudell, bħala drittijiet fundamentali kif ukoll bħala objettivi politiċi; jenfasizza li dan għandhu jitqies meta jkunu qed jiġu bbilanċjati mad-dritt għall-proprjetà intellettwali u l-libertà li wieħed imexxi negozju, li huma wkoll drittijiet protetti mill-Karta;

---

[1] Ara pereżempju l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 15 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi

[2] Ara wkoll l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim TRIPS.

[3] GROSHEIDE, W. Intellectual Property and Human Rights: A Paradox. 1st edition, Cheltenham: Edward Elgar Publishing, 2010 (p328 ISBN 978-1848444478. p 21).

[4] Riżoluzzjoni tal-PE tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) – implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona (P7_TA(2010)0483, paragrafu 5).

[5] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea" (COM(2010) 573, p. 3).

[6] A Rouvroy u Y Poullet, 'Self-determination as “the key” concept' http://www.cpdpconferences.org/Resources/Rouvroy-Poullet.pdf.

10. Ifakkar fil-pożizzjonijiet espressi mill-Parlament fir-rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 lill-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet[1], inkluża l-attenzjoni kostanti għall-protezzjoni assoluta u promozzjoni msaħħa tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet;

11. Itenni li l-limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-KEDB u mal-Artikolu 52 tal-Karta li jippreskrivi li tali limitazzjonijiet għandhom ikunu previsti fid-dritt, meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet leġittimi li jkunu jridu jintlaħqu;

12. Ifakkar li l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni għandhom ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, huma vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet u fuq l-Istati Membri tagħha (Artikolu 216(2) TFUE) u skont il-ġurisprudenza konstanti tal-Qorti tal-Ġustizzja jiffurmaw parti integrali mill-ordni legali tal-Unjoni[2]; jenfasizza li sabiex jiġi rikonoxxut l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali "[h]uwa neċessarju wkoll li huma jidhru, taħt l-aspett tal-kontenut tagħhom, assoluti u preċiżi biżżejjed. U li la n-natura u lanqas l-istruttura tagħhom ma jipprekludu tali invokabbiltà"[3]; ifakikar ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[4] li skontha r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-protezzjoni tal-prinċipji ġenerali rikonoxxuti fl-ordni legali tal-Unjoni, li jinkludi d-drittijiet funadamentali, huma wkoll vinkolanti fuq l-Istati Membri meta jimplimentaw ir-regoli tal-Unjoni, u li skontha l-obbligi imposti minn ftehim internazzjonali ma jistgħux ikollhom l-effett li jippreġudikaw il-prinċipji kostituzzjonali tat-Trattati tal-Unjoni, li jinkludu l-prinċipju li l-atti tal-Unoni kollha għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali;

13. Jiddispjaċih ħafna li l-ebda valutazzjoni tal-impatt speċifika dwar id-drittijiet fundamentali ma saret għall-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni u ma jqisx li ma hemmx ġustifikazzjoni għal valutazzjoni tal-impatt għall-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni peress li ma tmurx lilhinn mill-acquis tal-Unjoni u mhumiex meħtieġa miżuri implimentattivi[5], speċjalment fid-dawl tal-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2010 dwar "Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea"[6];

14. Ifakkar li l-Kummissjoni ddeċidiet li tikseb l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni huwiex kompatibbli mat-Trattati, b'mod partikolari l-Karta[7];

15. Jirrispetta r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja kif prevista mit-Trattati; jenfasizza, madankollu, li l-valutazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern f'dan il-qasam

---

[1] ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 206.

[2] Ara l-Kawża C-135/10SC F vv Del Corso (punt. 39) li tirreferi wkoll għall-Kawżi C-181/73 Haegeman u C-12/86 Demirel

[3] Ibid, il-punt 43.

[4] Kawżi C-540/03 Il-Parlament vs Il-Kunsill (punt. 105), C-402/05 P u C-415/05 P Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (punt 285).

[5] Ara n-nota bit-titlu 'Civil Society Meeting ACTA' http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/february/tradoc_147497.pdf.

[6] Ibid, il-punt 1.

[7] L-Artikolu 218(11) TFUE.

għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-rwol tal-Parlament fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-kliem u fl-ispirtu tagħhom, fid-dimensjonijiet esterni u interni, mill-perspettiva tal-individwu kif ukoll minn dik tal-Komunità; iqis, barra minn hekk, li tali valutazzjoni għandha teżamina jekk il-mudell Ewropew deskritt hawn fuq li jeħtieġ standards għolja ta' protezzjoni għad-drittijiet tal-bniedem u li jqiegħed id-dinjità, l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni bħala objettivi tiegħu, ġiex rifless fl-istrument li qed jiġi eżaminat;

***L-isfida taċ-ċertezza legali u tal-bilanċ xieraq***

16. Jinnota li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni jinkludi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali u l-proporzjonalità kemm ġenerali (eż: l-Artikolu 4[1] u l-Artikolu 6[2], Preambolu) kif ukoll speċifiċi (eż: l-Artikolu 27(3) u (4)[3] ); f'dan il-kuntest, jindika, madankollu, li l-Artikolu 4 jkopri biss żvelar ta' data personali mill-Partijiet u li r-referenzi inklużi fl-Artikolu 27(3) u (4) għandhom jitqiesu bħala salvagwardji standard u minimi; jirrimarka li l-privatezza u l-libertà ta' espressjoni mhumiex sempliċi prinċipji kif jirreferi għalihom il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, iżda huma rikonoxxuti bħala drittijiet fundamentali mill-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, mill-KEDB, mill-Karta u mid-Dikjarazzjoni Universali tal-Drittijiet tal-Bniedem, fost oħrajn[4];

17. Isaqsi jekk il-kunċetti stabbiliti fil-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, bħall-"prinċipji bażiċi" jew il-kunċett ta' "proċess ġust", humiex kompatibbli mal-kunċetti stabbiliti fil-Karta, bħad-drittijiet fundamentali jew id-dritt għal proċess ġust li jirriżulta mill-Artikolu 47;

18. Jinnota li tqajjem tħassib b'mod speċjali rigward dawk id-dispożizzjonijiet li jħallu spazju għal flessibbiltà fl-implimentazzjoni tagħhom, fuq il-bażi li dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu implimentati fl-Unjoni b'mod li jista' jkun illegali jew li jmur kontra d-drittijiet fundamentali;

19. Iqis, barra minn hekk, li filwaqt li wieħed jista' jifhem il-fatt li ftehim internazzjonali negozjat minn Partijiet bi tradizzjonijiet legali differenti se jiġi abbozzat b'termini aktar ġenerali milli fil-każ tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni[5], billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-modi differenti li bihom il-Partijiet jittrattaw il-bilanċ bejn id-drittijiet u l-interessi u tittieħed inkunsiderazzjoni ċerta flessibbiltà, huwa kruċjali wkoll li jiġu inkorporati fil-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ċ-ċertezza legali u salvagwardji b'saħħithom u dettaljati;

20. Jenfasizza li għad hemm livell sinifikanti ta' inċertezza legali fil-mod ta' kif ċerti dispożizzjonijiet prinċipali tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-

[1] Il-Privatezza u l-Iżvelar ta' Informazzjoni
[2] Obbligi ġenerali relatati mal-infurzar, b'mod aktar partikolari, protezzjoni adegwata għad-drittijiet tal-parteċipanti kollha u r-rekwiżit tal-proporzjonalità.,
[3] skont il-liġijiet u regolamenti tal-Partijie, konsistenti mal-liġi tal-Parti filwaqt li jiġu mħarsa prinċipji fundamentali bħalma huma l-libertà ta' espressjoni, il-proċeduri retti u r-rispett għall-ħajja privata
[4] Ara f'dan is-sens il-paragrafu 64 tal-Opinjoni tal-KEPD imsemmija hawn fuq
[5] Working Paper tas-Servizzi tal-Kummissjoni, "Kummenti dwar l-"Opinjoni tal-Akkademiċi Ewropej dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni" 27 ta' April 2011.

Falsifikazzjoni ġew abbozzati (eż. l-Artikolu 11 (Informazzjoni relatata mal-ksur), l-Artikolu 23 (reati kriminali), l-Artikolu 27 (infurzar fl-ambjent diġitali), speċjalment l-Artikolu 27(3) (mekkaniżmi ta' kooperazzjoni) u l-Artikolu 27(4); iwissi kontra l-potenzjal li jiġu adottati approċċi frammentati fi ħdan l-Unjoni, b'riskji ta' konformità mhux adegwata mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal proċess xieraq u d-dritt li wieħed imexxi negozju; jirrimarka li dawn ir-riskji huma speċjalment preżenti fir-rigward tal-Artikolu 27(3) u (4) fid-dawl tan-nuqqas ta' preċiżjoni ta' dawk it-testi iżda wkoll fid-dawl tal-prattiċi attwalment fis-seħħ f'ċerti Stati Membri (pereżempju l-monitoraġġ fuq skala kbira tal-Internet minn partijiet privati) li l-konformità tagħhom mal-Karta hija dubbjuża.

21. Iqis li t-Taqsima 5 "Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali fl-Ambjent Diġitali" għandha bżonn partikolari ta' aktar ċarezza u koerenza, peress li l-inkoerenzi u n-nuqqas ta' kompletezza jistgħu jwasslu għal regoli nazzjonali diverġenti, u sistema frammentata bħal din tkun ta' ostakolu għas-suq intern li, fil-każ tal-ambjent tal-internet, jipprekludi l-użu transkonfinali aktar ġenerali tal-oġġett protett mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

22. Ifakkar li skont l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE l-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kinitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali; jirrimarka f'dan ir-rigward li l-kamp ta' applikazzjoni ta' bosta dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima 4 (Infurzar Kriminali) mhuwiex definit sew;

23. Jikkondividi t-tħassib espress mill-KEPD fl-opinjoni tiegħu dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni mhux ċar, il-kunċett vag ta' "awtorità kompetenti", l-ipproċessar ta' data personali minn fornituri tas-servizz tal-internet permezz ta' miżuri volontarji ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar u n-nuqqas ta' salvagwardji adegwati fir-rigward tad-drittijiet fundamentali;

24. Jirrimarka, li filwaqt li diversi dispożizzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (eż. l-Artikolu 27(3) u (4)) huma ta' natura mhux vinkolanti u b'hekk ma jistabbilixxux obbligi legali tal-Partijiet li jistgħu jmorru kontra d-drittijiet fundamentali, in-nuqqas ta' preċiżjoni tad-dispożizzjonijiet, in-nuqqas ta' limiti u salvagwardji suffiċjenti joħolqu dubju dwar il-livell neċessarju taċ-ċertezza legali meħtieġ mill-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (eż. salvagwardji kontra l-użu abbużiv ta' data personali jew il-protezzjoni tad-dritt tad-difiża); jenfasizza li dawn in-nuqqasijiet m'għandhomx ikunu aċċettabbli fi ftehim li fih l-Unjoni hija parti kontraenti; ifakkar li ftehimiet internazzjonali oħrajn b'implikazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali kisbu livell ogħla ta' preċiżjoni u salvagwardji[1];

25. Huwa tal-opinjoni li miżuri li jippermettu l-identifikazzjoni ta' abbonat li l-kont tiegħu kien allegatament użat għall-finijiet ta' ksur ikunu jinvolvu forom diversi ta' monitoraġġ tal-użu mill-individwi tal-Internet; jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'termini mhux ekwivoki li l-monitoraġġ tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mingħajr limitu ta' żmien u bla skop preċiż bħal pereżempju l-filtering minn fornituri tas-servizz tal-internet

[1] Ara pereżempju l-Konvenzjoni kontra ċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa CETS Nru. 185, Budapest 23 ta' Novembru 2001.

jew il-ġbir ta' data mid-detenturi tad-drittijiet ma jippermettix li jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet u libertajiet fundamentali oħra, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom u l-libertà li jirċievi jew li jgħaddu l-informazzjoni jew il-libertà li jmexxu negozju (Artikoli 8,11 u 16 tal-Karta)[1];

26. Iqis li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ma fihx garanziji ċari rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni personali sensittiva, id-dritt ta' difiża (b'mod partikolari d-dritt għal smigħ) jew il-preżunzjoni tal-innoċenza;

27. Iqis li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ma jipprovdix garanziji rigward iż-żamma tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-komunikazzjonijiet li joħroġ mill-Artikolu 7 tal-Karta;

***Id-dmir li jitħarsu d-drittjiet fundamentali***

28. Iqis li huwa diżappuntanti li ma twettqux sforzi addizzjonali u sostanzjali biex jiġu kkonsultati aktar il-partijiet interessati kollha u biex l-opinjonijiet tagħhom jiġu inkorporati fil-perjodu ta' qabel in-negozjati dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni; jiddepplora l-fatt li l-istandards għoljin ta' trasparenza u governanza tajba li l-Unjoni qed tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi ma ġewx issodisfati fir-rigward tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni; jemmen, għalhekk, li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, ġie fi stadju prematur ħafna b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma li fihom l-Unjoni għad ma kellhiex iċ-ċans li jkollha deliberazzjoni fid-dettall fil-pubbliku;

29. Jenfasizza li l-fornituri tas-servizz tal-snternet m'għandhomx jissorveljaw l-Internet u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw ċarezza legali dwar ir-rwol tal-fornituri tas-fervizz tal-internet; Iqis li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni jiffoka biss fuq ksur fuq skala kbira tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod li jippermetti lill-istati firmatarji jeżentaw l-użu mhux kummerċjali mid-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-proċeduri tal-infurzar kriminali; jinnota, madankollu, li mhuwiex ċar fejn għandha tinġibed linja bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali; jenfasizza l-importanza li ssir diferenza bejn it-tniżżil mhux kummerċjali fuq skala żgħira u l-priraterja;

30. Jemmen li l-falsifikazzjoni u l-piraterija intenzjonalment mwettqa u fuq skala kummerċjali jikkostitwixxu fenomenu serju fis-soċjetà tal-informazzjoni u li għalhekk huwa neċessarju li titħejja strateġija globali tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati. tali strateġija għandha tiffoka mhux biss fuq it-tneħħija jew l-impatt tal-falsifikazzjoni jew il-piraterija, iżda wkoll fuq il-kawżi tagħhom, għandha tosserva bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tal-Unjoni u għandha tkun fl-istess ħin effettiva, aċċettabbli u faċli li tinftiehem mis-soċjetà b'mod ġenerali; Ifakkar li, wara talba mill-Parlament Ewropew[2], il-Kummissjoni Ewropea, fl-istrateġija

---

[1] Kawża C-70/10 Scarlet Extended SA vs Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM) (punti 47-49).

[2] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar il-kunfidenza tal-konsumatur fl-ambjent diġitali ( HYPERLINK "http://www.europarl.europa.eu/oeil/FindByProcnum.do?lang=en&procnum=INI/2006/2048" 2006/2048(INI) ), punti 25-28.

tagħha Aġenda Diġitali għall-Ewropa, impenjat ruħha li tadotta Kodiċi tad-drittijiet fuq l-internet fl-UE fl-2012; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni li l-Kodiċi tad-drittijiet fuq l-internet tal-UE għandu b'mod ċar jiddefinixxi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u jistabbilixxi x'jistgħu jagħmlu u x'ma jistgħux jagħmlu fl-ambjent diġitali, inkluż meta jużaw kontenut protett mid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

31. Jenfasizza li l-Istati fejn iseħħ l-ikbar ksur tad-drittjiet tal-proprjetà intellettwali, bħaċ-Ċina, il-Pakistan, ir-Russja u l-Brażil, ma ġewx mistiedna jiffirmaw il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni, u huwa improbabbli li dawk l-Istati se jiffirmaw il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni,ACTA fil-futur qarib, u dan iqajjem mistoqsijiet importanti dwar l-effikaċja tal-miżuri proposti mill-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni;

32. Iqis li fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali, l-ambigwità għandha tiġi evitata; huwa tal-opinjoni li l-ACTA ma evitax din l-ambigwità, iżda għall-kuntrarju involva livelli addizzjonali u varji ta' ambigwità; ifakkar li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tafferma li kwalunkwe limitazzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali previsti fid-dritt għandhom ikunu jistgħu jiġu previsti fl-effetti tagħhom, ċari u preċiżi u aċċessibbli, kif ukoll meħtieġa f'soċjetà demokratika u proporzjonati mal-għanijiet li jkunu jridu jintlaħqu

33. Huwa tal-fehma li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni jonqos milli jiżgura salvagwardji adegwati u bilanċ xieraq bejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet fundamentali oħrajn, kif ukoll li jonqos milli jiżgura ċ-ċertezza legali meħtieġa għal dispożizzjonijiet prinċipali tiegħu.

34. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq u bla preġudizzju għall-valutazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward din il-kwistjoni, iżda filwaqt li jikkunsidra r-rwol tal-Parlament fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, jikkonkludi li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni ***propost, li għalih intalab il-kunsens tal-Parlament*** mhuwiex kompatibbli mad-drittijiet imħaddna fil-Karta u jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur jemmen li l-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fl-Ewropa hija essenzjali sabiex jinżamm kif inhu l-vantaġġ kompetittiv tal-kontinent tagħna f'ekonomija globalizzata, interkonnessa u fi żvilupp rapdu. L-artisti u l-innovaturi għandhom ikunu kkumpensati għall-kapaċitajiet eċċezzjonali tagħhom. Fl-istess ħin, dawk l-istess artisti, flimkien ma' attivisti, dissidenti politiċi u ċittadini li jixtiequ jinvolvu ruħhom fid-dibattitu pubbliku, ma għandhom bl-ebda mod jaraw impedita l-abbiltà tagħhom li jikkomunikaw, joħolqu, jipprotestaw u jieħdu azzjoni. Speċjalment illum il-ġurnata, fejn, madwar id-dinja, qed nesperjenzaw b'ferħ kbir, espansjoni vasta u mhux ikkontrollata ta' vuċijiet li finalment jistgħu jinstemgħu. Bħala l-uniku rappreżentant dirett ta' 400 miljun ċittadini Ewropew, il-Parlament Ewropew għandu r-responsabbiltà li jiggarantixxi li din l-espansjoni tibqa' għaddejja mingħajr ostakoli.

Il-kultura ta' qsim tal-fajls, possibbli permezz tal-avvanz teknoloġiku rimarkabbli tal-aħħar deċennji, ċertament toħloq problemi diretti fir-rigward tal-mod ta' kif aħna indirizzajna l-kumpens tal-artisti u l-infurzar xieraq tad-drittijeit intellettwali matul l-aħħar deċennji. Il-kompitu tagħna, bħala dawk li jfasslu l-politiki, huwa li negħilbu din l-isfida billi nilħqu bilanċ aċċettabbli bejn il-possibbiltajiet li toffri t-teknoloġija u l-kontinwazzjoni tal-ħolqien artistiku, li huwa sinjal emblemiku ta’ post l-Ewropa fid-dinja.

Għalhekk, aħna ninsabu f'mument kruċjali ta' dan id-dibattitu, f'epoka eċċitanti ta' tibdil. F'dan is-sens, ir-Rapporteur jemmen li l-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni għadu fi stadju prematur u li adozzjoni possibbli tat-Trattat essenzjalment se tibbloka l-possibbiltà li jkun hemm dibattitu pubbliku, denju tal-wirt demokratiku tagħna. Kontra tali sfida straordinarja, dak li assolutament għandna bżonn hu li kull espert li għandna, kull organizzazzjoni jew istituzzjoni affettwata li nistgħu ninvolvu, kull ċittadin li jixtieq jesprimi opinjoni, jipparteċipa, mill-bidu, fil-ħolqien ta' patt soċjali modern, ta' reġim modern li jipproteġi d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni mhuwiex dan, u qatt ma ġie maħsub biex ikun dan. Minflok, ir-Rapporteur jemmen li l-adozzjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni se twaqqaf fi stadju prematur id-dibattitu u titfa’ l-miżien fuq naħa waħda, tippermetti l-Istati Membri jesperimentaw fuq liġijiet li jistgħu potenzjalment jippreġudikaw id-drittijiet fundamentali u jistabbilixxu preċedenti li mhumiex mixtieqa għas- soċjetajiet futuri. Permezz tal-insistenza fuq dawn il-perikoli, din l-opinjoni hija intiża sabiex tarrikkixxi d-dibattitu miftuħ mill-Parlament Ewropew u tgħin lill-Membri tiegħu jadottaw deċiżjonijiet infurmati fuq il-kwistjoni fundamentali dwar jekk għandux jingħata l-kunsens jew le għall-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | | |
|---|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 36<br>1<br>21 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Philipp Albrecht, Mario Borghezio, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Simon Busuttil, Philip Claeys, Carlos Coelho, Rosario Crocetta, Ioan Enciu, Cornelia Ernst, Monika Flašíková Beňová, Hélène Flautre, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu, Anthea McIntyre, Jan Mulder, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Cecilia Wikström, Auke Zijlstra | |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alvaro, Vilija Blinkevičiūtė, Birgit Collin-Langen, Dimitrios Droutsas, Evelyne Gebhardt, Stanimir Ilchev, Iliana Malinova Iotova, Franziska Keller, Ádám Kósa, Juan Andrés Naranjo Escobar, Hubert Pirker, Zuzana Roithová, Carl Schlyter, Marie-Christine Vergiat | |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kriton Arsenis, Adam Bielan, Françoise Castex, Marielle Gallo, Esther Herranz García, Seán Kelly, Elisabeth Morin-Chartier | |

4.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Ġappun, ir-Renju tal-Marokk, l-Istati Uniti tal-Messiku, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor u l-Konfederazzjoni Svizzera
(12195/2011 – C7-0027/2012 – 2011/0167(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Evelyn Regner

## ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

B'segwitu għall-adozzjoni tad-direttivi għan-negozjati mill-Kunsill fl-14 ta' April 2008, fit-3 ta' Ġunju 2008 nbdew negozjati dwar Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, il-Marokk, New Zealand, Singapor, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika (ACTA). Il-ftehim ġie konkluż fil-15 ta' Novembru 2010 u t-test ġie inizjalat fil-25 ta' Novembru, wara 11-il stadju ta' negozjati.
Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ntalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-rakkomandazzjoni li l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali għandu jagħti lill-Parlament Ewropew rigward il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA mill-Kunsill f'isem l-UE.

*******

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 10<br>–: 12<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Gerald Häfner, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Zbigniew Ziobro, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sergio Gaetano Cofferati, Luis de Grandes Pascual, Eva Lichtenberger, Axel Voss |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mikael Gustafsson, Elisabeth Morin-Chartier |

5.6.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika(COM(2011)0380 – C7-0027/2012 – 2011/0167(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Joly

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 4.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 1<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Thijs Berman, Ricardo Cortés Lastra, Corina Creţu, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Keith Taylor, Ivo Vajgl, Iva Zanicchi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Emer Costello, Enrique Guerrero Salom, Fiona Hall, Edvard Kožušník, Judith Sargentini, Horst Schnellhardt, Patrizia Toia |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marisa Matias |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 21.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 19<br>–: 12<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, John Attard-Montalto, Maria Badia i Cutchet, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Marielle de Sarnez, Harlem Désir, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Paweł Zalewski |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Amelia Andersdotter, George Sabin Cutaş, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Marietje Schaake, Konrad Szymański, Jarosław Leszek Wałęsa, Pablo Zalba Bidegain |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Richard Ashworth, Bendt Bendtsen, Françoise Castex, Philip Claeys, Anna Maria Corazza Bildt, Marielle Gallo |